

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/79/UE

tad-19 ta' Novembru 2010

dwar l-adattament għall-progress tekniku tal-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' komposizzjonijiet [komposti] organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid tal-vetturi u li temenda d-Direttiva 1999/13/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

- (1) Il-metodi analitiċi mogħtija fl-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE għandhom jiġu wżati biex tiġi ddeterminata, għall-prodotti li jinsabu fl-Anness I għad-Direttiva, il-konformità mal-limiti tal-kontenut massimu permess ta' komposti organiċi volatili (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-KOV") stabbilit fl-Anness II għad-Direttiva. Dawk il-metodi għandhom jiġu adattati għall-progress tekniku.
- (2) Il-metodu ISO 11890-2 ġie rivedut mill-Organizzazzjoni internazzjonali tal-istandards fl-2006 u l-verżjoni l-għdida għandha tiġi integrata fl-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE.
- (3) Il-metodu ISO 11890-2 jgħid li f'każ fejn id-dilwenti reattivi ma jiffurmaxw parti mill-formulazzjoni tal-prodott u f'każ fejn il-kontenut tal-KOV huwa ta' 15 % mill-massa jew aktar, il-metodu ISO 11890-1, li huwa iktar sempliċi u orħos, huwa alternattiva aċċettabbli. Dan il-metodu għandu, b'hekk, ikun permess mid-Direttiva 2004/42/KE biex jitnaqqsu l-ispejjeż tat-testijiet għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi affettwati minn dik id-Direttiva.
- (4) Id-Direttiva 2004/42/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2004/42/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE għandu jinbidel bl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mill-10 ta' Ġunju 2012, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jibagħtu minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

ANNEX

"ANNEX III

METODI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(1)

Metodu permess għall-prodotti b'kontenut tal-KOV li huwa ta' inqas minn 15 % tal-massa f'każ fejn ma jkunx hemm dilwenti reattivi:

Parametru	Unità	Test	
		Metodu	Data tal-pubblikazzjoni
Kontenut tal-KOV	g/l	ISO 11890-2	2006

Metodi permessi għall-prodotti b'kontenut ta' KOV li huwa ta' 15 % tal-massa jew iktar f'każ fejn ma jkunx hemm dilwenti reattivi:

Parametru	Unità	Test	
		Metodu	Data tal-pubblikazzjoni
Kontenut tal-KOV	g/l	ISO 11890-1	2007
Kontenut tal-KOV	g/l	ISO 11890-2	2006

Metodu permess għall-prodotti b'kontenut tal-KOV f'każ fejn ikun hemm id-dilwenti reattivi:

Parametru	Unità	Test	
		Metodu	Data tal-pubblikazzjoni
Kontenut tal-KOV	g/l	ASTMD 2369	2003"